Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12686/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0188(COD)

CODEC 1110
SOC 675
EMPL 492
MI 452
PE 77

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 11-13 ta' Novembru 2020)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni[1], saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-Relatur, Manuel Pizarro (S&D, Portugall), ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda nru 28) għall-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq, f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

[1] ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fil-11 ta' Novembru 2020, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 28) għall-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument[2].

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

[2] Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv.*** Is-simbolu " ▌ " jindika test imħassar.

ANNESS
(11/11/2020)

P9_TA-PROV(2020)0301

Kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) (COM(2019)0620 – C9-0117/2019 – 2019/0188(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0620),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 149 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0117/2019),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-30 ta' Ottubru 2019[3],

– wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz tal-ittra tas-7 ta' Ottubru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0128/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

[3] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2019)0188

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Novembru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2020/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 149 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[5],

[4] L-opinjoni tat-30 ta' Ottubru 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[5] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020.

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] tistabbilixxi n-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (in-"Network") għall-perijodu mis-17 ta' Ġunju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

(2) In-Network għandu l-għan ***li jimmodernizza u*** jsaħħaħ is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES)***, bil-ħsieb li jtejjeb*** il-kapaċità ***tagħhom, il-kwalità tas-servizzi tagħhom,*** l-effettività tagħhom u l-effiċjenza ***tagħhom. Dan għandu jintlaħaq*** billi jipprovdi pjattaforma biex iqabbel il-prestazzjoni tagħhom fil-livell ***tal-Unjoni***, jidentifika l-aħjar prattiki u jistabbilixxi sistema ta' tagħlim reċiproku, ***bil-ħsieb li jikkontribwixxi għal xogħol diċenti u għal impjiegi inklużivi u sostenibbli***. Għandu wkoll l-għan ***li jagħti*** aktar opportunitajiet lill-PES biex jgħinhom jiżviluppaw politiki innovattivi, ***orjentati lejn il-futur u*** bbażati fuq l-evidenza f'konformità mal-inizjattivi ta' politika rilevanti tal-Unjoni ***u mal-objettivi ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***.

(3) In-Network kien kruċjali biex jinkoraġġixxi aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-oqsma tar-responsabbiltà tal-PES kif ukoll jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-PES. Evalwazzjoni ▌ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE turi li n-Network kellu impatt pożittiv u tidentifika l-lezzjonijiet miksuba abbażi tal-attivitajiet u l-esperjenzi varji. ***Barra minn hekk, in-Network żied il-kapaċità tiegħu u żviluppa miżuri innovattivi bbażati fuq l-evidenza biex jimplimenta l-politiki dwar l-impjiegi.***

---

[6] Id-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 32).

(4) Biex nikkapitalizzaw fuq ir-riżultati miksuba s'issa u nkomplu nrawmu l-kooperazzjoni bejn il-PES, il-perijodu ta' stabbiliment tan-Network jenħtieġ jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027.

(5) In-Network jenħtieġ li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-membri tiegħu u jiżviluppa inizjattivi konġunti bil-ħsieb li jsir skambju tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki fl-oqsma operazzjonali kollha tal-PES, billi jipprovdi analiżijiet komparattivi u pariri u jippromwovi inizjattivi innovattivi ta' kollokamenti f'impjiegi. F'dak il-kuntest, u fejn xieraq, jenħtieġ li tingħata attenzjoni lill-kooperazzjoni tal-PES biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' persuni li huma koperti mir-regoli tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tingħatalhom assistenza. Il-ħidma tan-Network jenħtieġ li tippermetti li jsir paragun inklużiv, ibbażat fuq l-evidenza u orjentat lejn il-prestazzjoni tal-PES kollha, sabiex ikunu jistgħu jiġu determinati l-aħjar prattiki fl-oqsma ta' attività tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu għal tfassil u twassil aħjar tas-servizzi tal-impjiegi fl-ambitu tal-mandati speċifiċi tagħhom. L-inizjattivi tan-Network jenħtieġ li jtejbu l-effettività tal-PES u jikkontribwixxu għal użu aktar effiċjenti tal-fondi pubbliċi.

(6) Jenħtieġ li n-Network jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li fost il-prinċipji tiegħu jinkludi l-provvediment ta' appoġġ attiv għall-impjiegi. Jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll ***għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn ekonomija ekoloġika u l-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-objettivi rilevanti tal-Għanijiet*** ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, billi jtejjeb it-tkabbir ekonomiku ***u l-impjieg*** inklużivi u sostenibbli ***kif ukoll*** ix-xogħol diċenti għal kulħadd.

(7) In-Network jenħtieġ li jkompli ***jintensifika u jsaħħaħ il-kooperazzjoni sistematika u strutturali tiegħu*** ma' partijiet ikkonċernati ***rilevanti*** oħra tas-suq tax-xogħol, ***inklużi*** b'mod partikolari ▌ l-Aġenziji tal-Unjoni fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika soċjali, ***l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** l-edukazzjoni u t-taħriġ ***kif ukoll is-sħab soċjali, il-fornituri tas-servizzi fl-oqsma tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi vulnerabbli, u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, biex jippromwovi sinerġiji, jiskambja l-aħjar prattiki u*** jiżgura qafas ta' politika konsistenti ***fejn rilevanti***.

(8) Ir-rwol tal-PES fil-forniment ta' servizzi aktar effettivi għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impriżi jenħtieġ li jiġi appoġġat b'mod adegwat fil-livell nazzjonali u, fejn rilevanti, fil-livell reġjonali, b'riżorsi umani u b'appoġġ finanzjarju suffiċjenti għat-taħriġ u t-tagħmir tal-persunal. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-PES bir-riżorsi neċessarji sabiex il-PES jkunu jistgħu jindirizzaw b'suċċess id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, ibiddlu x-xejriet tax-xogħol, inklużi l-ekonomiji ta' pjattaforma emerġenti, u l-iżviluppi soċjetali u demografiċi.

(9) Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għan-Network ikun disponibbli f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027.

(10) In-Network u l-inizjattivi tiegħu jenħtieġ li jiġu ffinanzjati bi qbil mal-ippjanar finanzjarju tal-Unjoni u skont l-approprjazzjonijiet stabbiliti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

(11) Għall-proġetti żviluppati min-Network jew identifikati fl-attivitajiet ta' tagħlim reċiproku u implimentati fil-PES individwali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-finanzjament mill-programmi rilevanti tal-Unjoni.

(12) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE tiġi emendata skont dan.

(13) Sabiex tkun żgurata l-kontinwazzjoni bla xkiel tal-attivitajiet tan-Network, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 573/2014/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Network madwar l-Unjoni kollha ta' Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) (in-"Network") huwa b'dan stabbilit għall-perijodu ***mill-1 ta' Jannar 2021*** sal-31 ta' Diċembru 2027. In-Network għandu jwettaq l-inizjattivi stipulati fl-Artikolu 4.";

(2) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tan-Network fil-qasam tal-impjiegi, fl-oqsma tar-responsabbiltà tal-PES, sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-impjiegi tal-Unjoni. Dan se jgħin ukoll l-implimentazzjoni ***tal-prinċipji fil-***Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, *jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jsegwi l-kisba*** tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'hekk jappoġġa:";

(b) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-gruppi soċjali vulnerabbli kollha b'rati għoljin ta' qgħad, speċjalment ħaddiema kbar fl-età u ż-żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs) kif ukoll persuni b'diżabilità u persuni li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni għal raġunijiet differenti;";

(c) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) l-inklussività u l-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol;

(ca) l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(d) l-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' ħiliet u l-għoti ta' informazzjoni dwar id-daqs tagħhom u fejn jinsabu, kif ukoll it-tlaqqigħ aħjar tal-ħiliet ta' min ifittex xogħol u l-ħtiġijiet ta' min iħaddem, inkluż permezz tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ vokazzjonali, kif ukoll l-impjegabbiltà ta' min ifittex xogħol u l-prevenzjoni tal-qgħad, pereżempju permezz ta' gwida għall-karriera u t-taħriġ;";

(3) l-Artikolu 4(1) huwa emendat kif ġej:

(a)fil-punt (a), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) il-kontribut għat-tnaqqis tal-qgħad għall-gruppi tal-etajiet u l-ġeneri kollha u għall-gruppi vulnerabbli kollha;";

(b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-PES f'oqsma ewlenin ***fid-dawl tal-***politiki tal-impjiegi ***u soċjali*** tal-Unjoni, ***u filwaqt li jqis*** il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-Patt Ekoloġiku Ewropew*** u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ***tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll l-isfidi relatati mad-diġitalizzazzjoni, it-tibdil fid-dinja tax-xogħol u tax-xejriet tax-xogħol kif ukoll il-bidliet demografiċi***;";

(c) il-punti (f) u (g) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(f) l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tiegħu li jistabbilixxi l-metodi ta' ħidma tiegħu, ir-riżultati mistennija u d-dettalji relatati mal-implimentazzjoni tas-sistemi ta' tagħlim komparattiv kif ukoll l-istrateġiji ta' disseminazzjoni u kooperazzjoni;

(g) il-promozzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar l-identifikazzjoni ta' NEETs, dwar l-iżvilupp ta' inizjattivi biex ikun żgurat li dawk iż-żgħażagħ jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol, u dwar l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda fit-tul u ta' gruppi vulnerabbli oħra.";

(4) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Kooperazzjoni

In-Network għandu jiżviluppa kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tas-suq tax-xogħol, inklużi fornituri oħra tas-servizzi tal-impjieg ***u soċjali u s-sħab soċjali***, u, fejn xieraq, l-Aġenziji ***tal-Unjoni*** fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika soċjali, ***l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** u l-edukazzjoni u t-taħriġ, ▌ organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni qiegħda jew gruppi vulnerabbli ***oħra***, ***korpi tal-ugwaljanza, organizzazzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali,*** NGOs li jaħdmu ***fl-oqsma*** tal-impjiegi ***u t-tranżizzjoni ġusta***, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, billi jinvolvihom fl-attivitajiet rilevanti u fil-laqgħat tan-Network u billi jiskambjaw informazzjoni u data magħhom. ***Fejn xieraq , in-Network jista' jiskambja l-aħjar prattiki ma' servizzi pubbliċi tal-impjiegi rilevanti minn pajjiżi terzi.***";

(5) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Bord għandu jiġi assistit minn Segretarjat ipprovdut mill-Kummissjoni u bbażat fi ħdan il-Kummissjoni. Is-Segretarjat f'kooperazzjoni mal-President u mal-Viċi Presidenti, għandu jħejji l-laqgħat tal-Bord, il-programm ta' ħidma annwali u r-rapport annwali tan-Network. Is-Segretarjat għandu jikkoopera mill-qrib mas-Segretarjat tal-EMCO, sabiex jikkoordina inizjattivi u jżid il-kooperazzjoni bejn in-Network u l-EMCO.";

(6) l-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Appoġġ finanzjarju

Ir-riżorsi globali ***neċessarji*** għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom isiru disponibbli f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027▌ , li l-approprjazzjonijiet annwali tiegħu għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju.";

(7) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.";

(8) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Rieżami

Sat-30 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni għandha tissottometti ***rapport ta'*** evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. ***Dak ir-rapport għandu, fost l-oħrajn, jivvaluta sa liema punt in-Network ikkontribwixxa għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.***".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi …,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*